**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Spagnol**
**Maria-Carmela Fenech**

**Kumpilazzjoni numru 731 / 2011**

**Illum 19 ta′ April, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Paul Spagnol detentur tal-karta tal-identita′ bin-numru 224267 (M) u Maria-Carmela Fenech detentrici tal-karta tal-identita′ bin-numru 510784 (M) billi huma akkuzati talli f′dawn il-Gzejjer, fit-23 ta′ Gunju, 2010, u/jew fix xhur ta′ qabel u/jew wara din l-istess data:

1. Ghamlu atti ta′ money laundering billi :-

a) ikkonvertew jew ittrasferixxew proprjeta` meta kienu jafu jew setghu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta′, attivita` kriminali

jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali;

b) hbew jew urew haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kienu jafu li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

c) akkwistaw proprjeta' meta kienu jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

d) irritenew minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kienu jafu jew setghu ssuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

e) ittantaw jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

f) agixxew bhala komplici fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

3. Appartjenew ghall-ghaqda msemmija fis-subartiklu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**LIL PAUL SPAGNOL WAHDU**, akkuzat ukoll talli bejn is-6.30 ta' filghaxija nhar il-21 ta' Gunju, 2010 u l-10.30 ta' bil-lejl, nhar it-23 ta' Gunju, 2010 minn gewwa l-fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Sliema, flimkien ma Joseph Camilleri u/jew ma persuna/i ohra mhux maghrufa:

4. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti, l-iktar gojjellerija, kif ukoll flus kontanti w oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin, u li sar ghad-detriment tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i ohra;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' il-bieb ta' barra ta' l-istess fond u/jew xi aperturi ohra interni, kif ukoll xi ghamara, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), imma izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha w erbghin centezmu (E116.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i ohra;

**LIL PAUL SPAGNOL WAHDU**, akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Gunju, 2010, u/jew fix xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data:

6. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni, f'Malta jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma hux delitt taht l-att dwar l-Istampa;

7. Talli f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u cioe' kwantita' ta' gojjellerija, li tiswa iktar minn elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

8. talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien gie impost fuq l-imputat permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) nhar l-10 ta' Marzu, 2010;

9. Ukoll, talli f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati ta' Malta wara li, f'iktar minn okkazzjoni wahda, huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat/i ta' natura volontarja;

10. Fl-ahharnett, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu, jaghtu b' rahan, jew xort' ohra jiddisponu

minn xi proprjeta` mobbli jew immobli, ai termini ta' l-Artikolu 5(1)(b) ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll hekk kif applikat ai termini ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex tinnomina espert sabiex jaghmel inventarju tal-proprjeta' kollha, skond kif deskritta fl-Artikolu 2 tal- Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, tal-Ligijiet ta' Malta, li tappartjeni liz-zewg imputati odjerni.

Oltre minn hekk, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Noti ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datat 17 ta' April, 2013 (esebiti a fol. 663 tal-process) li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

Fil-konfront taz-**zewg imputati**:

a) Fl-artikolu 83A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 83A(2) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 17, 18, 20, 23A(2), 31, 42, 43 u 533 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront tal-imputat **Paul Spagnol** wahdu:

a) Fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 279(b) u 280(2) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 334(a) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Fl-artikolu 22 u 23 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz imur lura ghal-21 ta' Gunju 2010 fis-6.30 ta' filghaxija u l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl tat-23 ta' Gunju 2010 meta kienet saret serqa ta' gojjellerija mill-fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Sliema.

Il-pulizija kienu sabu parti minn din il-gojjellerija ghand l-imputat Paul Spagnol li kien spjega lill-pulizija li din kien ghaddielu certu Joseph Camilleri biex jissellef xi flus fuqha.

Il-pulizija sar jafu ukoll li saru xi depoziti fuq polza ta' assigurazzjoni mill-imputati Paul Spagnol u Maria Carmela Fenech.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri huma marbuta ma' incident li sehh bejn il-21 ta' Gunju 2010 fis-6.30 ta' filghaxija u l-ghaxra u nofs ta' bil-lejl tat-23 ta' Gunju 2010. Instemghu xiehda f'seduti preseduti minn erba' Magistrati differenti.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 17 ta' Frar 2016 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni ... din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti*

*jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien ... Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### <u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

## Money Laundering[2]

L-ewwel sett ta' akkuzi hu marbut mal-Money Laundering.

Artikolu 3 tal-Kap 373 l-Att dwar il-Money Laundering jipprovdi li:

*"ghamel atti ta' money laundering billi :-*

*a) ikkonverta jew trasfera propjeta` meta kien jaf li dik il-propjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita` kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini tal-propjeta jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f' attivita kriminali;*

*b) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta`, meta kien jaf li dik il-propjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;*

*c) akkwista propjeta' meta kien jaf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;*

---

[2] Din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Il-**Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Carlos Frias Mateo** deciza mill-Magistrat Edwina Grima fil-5 ta' Awwissu, 2011 fejn tat esposizzjoni legali fonda fejn jidhol ir-reat tal-*Money Laundering*.

*d) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kien jaf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;*

*e) ittenta jaghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija*

*f) aġixxa bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ta' hawn fuq."*

Ir-reat ta' *Money Laundering* huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provinjeza tal-flus.

Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-**Money Laundering** Kap 373 ipoggi l-onoru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-onoru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs John Vella**[3]" *"din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-akktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . ."*.

Illi fil-prosekuzzjoni tar-reat tal-hasil tal-flus jew kif inhu ahjar maghruf il-*money laundering*, irid jigi ippruvat indubbjament u b'mod inekwivoku in-ness bejn ir-reat sottostanti (*the predicate offence*) u cioe' wiehed mir-

[3] Qorti Kriminali 29 ta' Novembru 1999

reati ikkontemplati fl-Ewwel jew it-Tieni Skeda annessi ma'l-Att, u ir-reat in dizamina. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs John Vella**[4] il-Qorti stqarret illi "...hu impellanti u necessarju illi jigi deskritt b'mod inekwivoku n-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti u l-allegat *money laundering*."

Madankollu l-artikolu 2(2a) tal- Kapitolu 373 jiddisponi testwalment:

> ***" Persuna tista' tinstab hatja tad-delitt ta' money laundering taht dana l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabilixxi htija fir-rigward ta'l- attivita' kriminali sottostanti, liema attivita' kriminali tista' tigi stabbilita minn prova cirkostanzjali jew prova ohra, minghajr il-htiega li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall- offiza sottostanti."***

Dana jfisser illi ghalkemm l-attivita kriminali sottostanti ma tigix ippruvata, madanakollu jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova illi s-sors tal-flus gej minn dik l-attivita kriminali allura ir-reat ikun gie ippruvat, u ma ikunx hemm il-htiega ta' prova rigward xi sentenza ta' kundanna in konnessjoni mar-reat sottostanti.

Id-Dipartiment tat-Tezor tal-Istati Uniti tal-Amerika jiddeskrievi r-reat b'dan il-mod:

> *Money laundering is the process of making illegally-gained proceeds (i.e. "dirty money") appear legal (i.e. "clean"). Typically, it involves three steps: placement, layering and integration. First, the*

[4] Ibid.

*illegitimate funds are furtively introduced into the legitimate financial system. Then, the money is moved around to create confusion, sometimes by wiring or transferring through numerous accounts. Finally, it is integrated into the financial system through additional transactions until the "dirty money" appears "clean"*[5].

Illi l-process tal-hasil ta' flus jinvolvi diversi stadji. L-awturi jikkunsidraw dawn l-istadji bhala tlieta ewlenien li jissejjhu *"placement, layering u integration."*[6] L-ewwel stadju, hekk imsejjah *"placement"* isehh meta il-flus jigu imnehhija mill-post fejn gew akkwistati illegalment. Ghalhekk l-att li permezz tieghu l-persuna suspettata tipprova tohrog il-flus mill-pajjiz fejn originaw huwa l-ewwel stadju fil-process tal-hasil tal-flus. Wara dana, fit-tieni stadju imbaghad il-flus jiehdu xejra ohra jew jinhbew u dana sabiex isir aktar difficli illi wiehed jirrintracca l-istess, bhal per ezempju meta jigu ikkreati kontijiet bankarji f'isem xi korporazzjoni u il-flus jitpoggew f'dawn il-kontijiet. Fl-ahhar process imbaghad il-flus jigu integrati fis-sistema ekonomika sabiex b'hekk jitqiesu minn issa 'l quddiem li huma legali.

L-Att kontra l-*Money Laundering* sar parti mil-ligi taghna fit-23 ta' Settembru 1994. Wara dana kien hemm diversi emendi fil-ligi, bl-emendi ewelenin jigu fis-sehh bl-Att XXXI tal-2007 u l-Att VI tal-2010. Dawna l-emendi huma sinifikanti fis-sens illi filwaqt illi qabel l-2007 l-persuna suspettata trid ikollha ix-xjenza illi l-flus jew proprjeta tkun gejja minn attivita kriminali, wara l-2007 huwa bizzejjed illi l-persuna suspettata ikollu is-suspett ta' tali provenjenza kriminuza sabiex tkun tista' tinstab

[5] "*History of Anti-Money Laundering Laws*". United States Department of the Treasury. 30 June 2015

[6] It-tezi li hejja Clint Tabone ***Prosecuting the Offence of Money Laundering in the Maltese Criminal Courts*** (Mejju 2011) taghti harsa fil-fond dwar dawn l-ingredjenti ghar-reat tal-Money Laundering.

htija. Inoltre ai fini ta' prosekuzzjoni tar-reat l-emenda li dahhlet fis-sehh fl-2010 ghal-artikolu 2(2a) tal-Att, il-prosekuzjoni mhux biss ma tenhtigiliex tipprova illi kien hemm il-kundanna ghar-reat sottostanti illi lanqas jinhtiegilha tipprova bil-preciz liema hija l-attivita kriminali sottostanti.

Mela l-ewwel haga illi l-prosekuzjoni jinhtiegilha tipprova f'dana it-tip ta' reat huwa ix-xjenza jew is-suspett tal-persuna akkuzata rigward il-provenjenza tal-flus. Dana jikkostitwixxi il-*mens rea* ta' dana ir-reat. Id-differenza bejn dawn iz-zewg kuncetti huwa ovvju fis-sens illi filwaqt illi x-xjenza tista' tigi determinata b'mod oggettiv madanakollu is-suspett huwa iktar xi haga soggettiva u personali.

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[7] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabilita' x-xjenza f'kaz kriminali:

> "*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think, three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can*

[7] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind,*

*I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[8]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

---

[8] Ibid. pg 449

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fl-Ingilterra fl-ismijiet ***Regina vs Hilda Gondwe Da Silva*** il-kelma suspett inghatat is-segwenti tifsira:

> ***"The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice."***

Sfortunatament il-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni ta' dak li jammonta ghal suspett u ghalhekk jekk il-prosekuzjoni jirnexxielha tipprova anke illi l-imputat kellu xi suspett illi l-flus ghandhom provenjenza kriminuza allura dina hija sufficjenti. Jispetta mbaghad lill-imputat iressaq provi bil-kuntrarju sabiex jikkonvinci lill-Gudikant bl-innocenza tieghu.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-imputati Paul Spagnol u Maria-Carmela Fenech ma gabux il-flus ghall-polza ta' assigurazzjoni minn provenjenza kriminuza u ghalhekk se jkunu illiberati mill-akkuzi marbuta mal-hasil tal-flus (money laundering).

**Serq**

Illi l-imputat Paul Spagnol jinsab akkuzat ukoll b'imputazzjonijiet marbuta mar-reat ta' serq bil-kwalifiki **(Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 279(b) u 280 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** u bir-reat ta' ricettazzjoni (**Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**).

Illi l-imputat Spagnol qed jigi akkuzat li seraq gojjellerija mill-fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Sliema. Il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra r-reat ta' serq *per se* u, f'kaz li dan jigi pruvat, tikkunsidra l-kwalifiki imsemmija fl-imputazzjoni.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella*

*che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi wara li l-Qorti hadet il-provi kollha in konsiderazzjoni tinnota li l-imputazzjonijiet marbuta mas-serqa migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax tasal sabiex issib htija fl-imputat ghall-imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu.

**Ricettazzjoni**[9]

Illi dan kollu jgibna sabiex il-Qorti tiddiskuti r-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dwar dak li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'dan ir-rigward.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan

---

[9] Il-Qorti rat d-decizjoni l-**Pulizija vs Alfred Brown** deciza fil-25 ta' Awwissu, 2014 (Nru. 1070/2013)

ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u

mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Dwar ir-reat ta' riċettazzjoni, l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min f'Malta, "*xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom*".

Il-Manzini jghid[10]:

> **"... il delitto di ricettazione ha carattere di reato *istantaneo*, e non *permanente*, ancorche` il fatto possa avere effetti permanenti. Tutto cio` che avviene dopo il suddetto momento consumativo del delitto di ricettazione (e che non concreti per se` stesso un reato), non puo` costituire, nella ipotesi dell'acquisto, della ricezione o dell'occultamento, che l'esercizio del possesso sul denaro o sulla cosa ricettata, come nel delitto di furto, mentre il reato non consiste nell'esercizio del possesso, bensi nell'acquisto, nella ricezione o nell'occultamento del denaro o della cosa, fatto che si esaurisce appena conseguito il possesso. E` poi particolarmente manifesto il carattere dell'istantaneita` del delitto di ricettazione nell'ipotesi dell'intromissione. Le varie pratiche, che il mediatore puo` esplicare con la stessa o con piu` persone per far acquistare, ricevere od occultare il denaro o le alter cose delittuose, non mantengono il delitto in stato di permanenza, ma possono dar luogo al delitto *continuato*, quando siano costituite da fatti commessi in diversi contesti d'azione, tenuto sempre**

[10] Diritto Penale Italiano – Delitti Contro il Patrimonio Vol. IX.

**presente che ogni singola azione, diretta allo scopo indicato, e` per se` sola consumativa del reato, per il quale non si esige il conseguimento dell'intento del colpevole."**

Illi jirrizulta minn ezami tar-reat in dezamina li l-elementi tar-ricettazzjoni huma:

i. li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta';
ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tezita jew tbiegh dawk l-oggetti;
iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza llegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma xjenza.

Skond il-Manzini huwa jispjega li:

"*per l'imputabilita' del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta' del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose.*"

Smith & Hogan f'pagna 61 tal-ktieb Criminal Law (Edit. 1965) jiktbu:

> *"knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo sive Charles Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 28 ta' April, 2000 fejn il-Qorti irriteniet li:-

> *"Dwar l-element tal-provenjenza llegali u tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi ndiretti. Bhal ma' dejjem gie ritenut, l-element tax- xjenter jezisti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provenjenza llegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment jaghtu suspett dwar il- provenjenza llegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal per ezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni tal-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita' kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero' mic-cirkostanzi ferm dubjuzi u suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal-grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezisti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Tancred Borg** deciza mill-istess Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru, 1988 fejn inghad:-

*"Li wiehed ikollu suspett ta' xi rregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali 24/06/1961 Il-**Pulizija vs George Tabone** deciz fl-24 ta' Gunju, 1961, u Il-**Pulizija vs Vincent Calleja** deciz fit-30 ta' Novembru, 1978)."*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

1. Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)
2. Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)
3. Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)
4. Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)
5. Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)
6. Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar- ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;

3. Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa' ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista' ikun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;

5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u ntant tilqa' dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. Jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-boun padre di familia da parti tar-ricettatur, izda

tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal criminal negligence;

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru ukoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngiebitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista′ tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghall-iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil- mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista′ jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il- mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Issa fil-kaz in desamina jirizulta li l-imputat ma hax il-prekawzjoni rikjesta mil-ligi sabiex jara li l-oggett li nghatawlu biex jaghmlu tajjeb ghal self, jistabilixxi li l-origini ta′ tali oggett hija wahda legittima.

Ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista′ tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ.

Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.[11]

Illi fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat jissusisti.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA

Il-Qorti taghmel referenza ghal numru ta' sentenzi ricenti, kollha dwar serq u ricettazzjoni, li f'kollha kemm huma, il-Qrati taghna dejjem u konsistentement infliggew piena ta' sentenza sospiza jew piena ohra taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta:

"**Pulizija vs Jonathan D'Amato** (moghtija per Magt. Consuelo-Pilar Scerri Herrera fit-2 ta' Dicembru 2014) fejn il-Qorti ikkundannat lill-imputat ghal 18-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin bl-applikazzjoni tal-art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

"**Pulizija vs Warren Bartolo** (moghtija per Magistrat Dr Ian Farrugia fl-1ta' Dicembru 2014) fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar mis- sentenza ai termini ta' l-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

[11] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

“**Pulizija vs Mario Farrugia** (moghtija per Magt. Dr Antonio Giovanni Vella fl-20 ta' Novembru 2014) fejn il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin ai termini tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

“**Pulizija vs Daniel Farrugia** (moghtija per Magt. Dr. Antonio Giovanni Vella fl-20 ta' Novembru 2014) fejn il- Qorti sabet lill-imputat hati ta' ricettazzjoni ta' oggetti li l-valur taghhom kien <u>jeccedi is-somma ta' €2,329.37</u> u kkundannatu ghal 18-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin b'applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

“**Pulizija vs Darren Debono** (moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imh. Joseph Galea Debono fil-15 ta' Jannar 2009) fejn il-Qorti ta' l- Appell Kriminali sabet lill-imputat hati ta' ricettazzjoni u kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin b'applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

“**Pulizija vs Alfred Brown** (moghtija per Magt. Dr Consuelo-Pilar Scerri Herrera fil-25 ta' Awwissu 2014) fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' ricettazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni il ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai termini tal-Art. 22 ta' l- Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

“**Pulizija vs Mark Brincat** (moghtija per Magt. Dr. Miriam Hayman fit-23 ta' Lulju 2014) fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' diversi reati relatati ma' *money laundering* u ta' ricettazzjoni u kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin b'applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn is-sentenzi juru li l-piena nflitta ghal akkuza ta' ricettazzjoni hija wahda li, b'mod generali, il-Qrati taghna ma japplikawx piena ta' natura karcerarja.

Fis-sentenza Pulizija vs **Rimar Hatherly u Justin Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tghallem hekk:

> *Issa ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq ta' l-antecedenti penali ta' dak li jkun… mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' jew li ma ghandhiex fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il- Kap. 446.*

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Pulizija vs George Farrugia**, fejn l- istess Qorti, wara li rat li l-akkuzat kellu sahansitra 42 faccata fedina penali, b'total ta' 77 kundanna (sitwazzjoni li tmur ferm u ferm lil hinn mis-sitwazzjoni tal-appellanti), hija xorta ma qisitx li l-imputat f'dak il- kaz kien f'sitwazzjoni irriversibbli: '*fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta…Anke fil-kaz ta' persuna ta' l- eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of*

*opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija'.*

L-iskop tal-piena, pero`, kif *del resto* tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Anton Vassallo** deciza fis-26 ta' Marzu 2014, huwa li nies li huma minacca ghas-socjeta` jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni – izda l-iskop ewlieni huwa dak tar-riforma tal-hati.

Bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli*

*u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba"*

Diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

*Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-***

> ***negattiv****… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-***

***persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

**Window of opportunity**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-**Pulizija vs. Ritmar Hatherly et** deciza fid-9 t'Ottubru 2008 irriteniet hekk: "Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif isostni David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):

> *"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Mis-suespost, jidher li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat ghamel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu flimkien mal-partner tieghu, u jsib impjieg. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi. <u>**Il-Qorti fid-decizjoni taghha qieset li l-imputat diga'**</u>

**<u>ghamel kwazi ghaxar xhur taht arrest preventiv dwar dan il-kaz, li huwa ricediv u li kiser ordni tal-Qorti moghtija permezz tal-artikoli 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

Il-Qorti hija tal-fehma li huwa aktar opportun li l-imputat ipatti ghall-agir tieghu billi jwettaq xoghol fil-komunita`. Barra minn hekk ikun opportun li l-imputat jibqa' taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation sabiex ikun assigurat li jibqa' fit-triq it-tajba.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, fil-konfront tal-imputat Maria-Carmela Fenech ma ssibiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u minnhom tilliberha.

Fil-konfront tal-imputat Paul Spagnol, issib lill-imputat hati <u>biss</u> tal-akkuza numru sebgha (7) migjuba fil-konfront tieghu dwar ricettazzjoni u billi hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din

is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonferma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Paul Spagnol.

*Inoltre,* bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Paul Spagnol taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghall-erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u tirrakomanda li Paul Spagnol ikun assenjat xoghol mal-Fondazzjoni Rise taht id-direzzjoni ta' Fr Franco Fenech.

---

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**